## EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI - 2003
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:**___________________________ **Klassi:**___________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**Kummenti**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***



Pittura grafika ta' Paul Stellini

## Fuq Iz-Zuntier

Mill-knisja beda ħiereġ il-kant ta' innijiet li ma damx ma tħallat ma' kant ieħor li qisu biex jippika miegħu, beda jżarżar minn fomm televiżjoni f'każin qrib. Sadattant, minn wara l-knisja beda jasal id-daqq tal-marċi li kienu qed iħejju għall-festa. Inħobbhom dawn il-marċi, ukoll meta l-bandisti jkunu għadhom qed jitgħallmuhom u allura ma tantx ikunu żguri minnhom. Ġieli jistonaw xi ftit, ġieli ma jaqblux bejniethom u tisma' għal ftit waqtiet silenzju u leħen is-surmast ġwejjed jew mgħaddab iwiddeb, u wara jerġgħu dik il-frażi li fiha jkunu weħlu. *(par. 1)*

Inħobb l-aktar dawn il-marċi għax għandhom is-seħer li jeħduni lura fi tfuliti u nerġa' nsibni miexja warajhom, u nerġa' nisma' l-leħen imqanżaħ jgħajjat *ġobon u laħam, sħan u tajbin....*u nerġa' nxomm f'imnifsejja l-fwieħa taqsam tal-pastizzi u l-kimika tal-gassijiet b'dak id-dawl qawwi jgħammixlek għajnejk. *(par. 2)*

Mill-bottegin tal-każin stajt nisma' ilħna ta' min jitmasħan fi stil Malti, jiġifieri jirraġuna, jisħon u jinsisti li hu biss għandu raġun. Smajthom sew għalkemm ma nistax ngħid li fhimt kull kelma li bdew ilissnu. Ikolli ngħid li l-polemika mqanqla kienet dwar il-logħob tal-ballun fil-partiti internazzjonali li f'dawk il-jiem ta' Ġunju kienu fl-aqwa tagħhom. Wara ftit, it-televiżjoni beda jħanxar il-Lambada. Taħsbu li taw kasu? Xejn affattu! Seta' daqqilhom ir-Requiem ta' Verdi għax hemm ġew ħadd ma kellu kontu; jgħajtu kienu u jgħajtu baqgħu. U biex jgħaqqduha, il-qniepen tal-knisja dak il-ħin infexxew f'sakra ta' ferħ u storbju biex iħabbru l-barka. *(par. 3)*

Sadattant, żewġt irġiel mgħobbija bl-annati kienu qed iserrħu mal-balavostri taz-zuntier, qribi sew, u stajt nifhem x'kien għaddej bejniethom. In-nuqqas ta' xita ta' dik is-sena.....ir-riħ qawwi li spiss jaħkem fuq ix-xtut u l-oqsma tagħna....il-ġlata....Wieħed minnhom kien tal-fehma li d-dinja m'għadhiex li kienet għax kollox inbidel u ħżien, saħansitra t-temp, u tħarbtet in-natura. Imma l-ieħor kellu aktar ottimiżmu. Fakkru li fi żmienu, dan ġie li ġara. Mhux darba u tnejn li ma ħa xejn mill-għelieqi għajr tosku u inkwiet. Kos, qgħadt naħseb waħdi: dawn kienu nies li ma jafux l-abċ, imma kellhom dak l-għerf li tgħallmu min-natura ta' madwarhom, tgħallmu mill-esperjenza. *(par.4)*

(Addattament minn kitba ta' Lina Brockdorff fi ***Spirali***)

| **A. FEHIM IT-TEST** | ***(10 marki)*** |
|---|---|

1. Il-kittieba nnotat tliet tipi differenti ta' ħsejjes. Minfejn kienu ġejjin? (par.1)

_______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(2 marki)**

2. Liema żewġ kelmiet f'par.1 juru l-imġiba kuntrastanti tas-surmast waqt il-kunċert

   tal-banda?_____________________________________________ **(marka)**

3. Fil-kittieba, (par.2), il-marċi jqanqlu sens ta': (a) fantasija___; (b) apprezzament mużikali___; (ċ) nostalġija___. **(marka)**

4. *.......u l-kimika tal-gassijiet b'dak id-dawl qawwi jgħammixlek għajnejk.* (par.2) Għalxiex taħseb li qed tirreferi l-kittieba b'dan il-kliem?

_______________________________________________________**(2 marki)**

5. Skond par. 3, kif ikun l-istil li bih jargumenta u jinkorla l-Malti?

_______________________________________________________ **(marka)**

6. Fuqiex kienu qed jargumentaw fil-bottegin? (par. 3)

_______________________________________________________ **(marka)**

7. X'hemm x'juri li n-nies fil-bottegin kienu aljenati? (par. 3)

_______________________________________________________**(marka)**

8. X'kien qed jinkwieta liż-żewġ bdiewa? (par.4)___________________________

_______________________________________________________ **(marka)**

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib frażi fl-Istat Kostrutt minn par. 1______________________________ **(marka)**

   *Il-fwieħa tal-pastizzi.* Poġġi wkoll din il-frażi fl-Istat Kostrutt:

_______________________________________________________ **(2 marki)**

2. Oħroġ nom minn kull kelma kif mitlub/a: **(4 marki)**

| | |
|---|---|
| i. Nom astratt minn ***iħobbhom*** | |
| ii. Nom verbali minn ***jitgħallmuhom*** | |
| iii.Nom denominattiv (nom ieħor) minn ***irġiel*** | |
| iv.Nom diminuttiv (taċ-ċokon) minn ***tfulitu*** | |

3. Sib nom mimmat minn par. 2 :________________________________ **(marka)**

4. Ikteb kliem flok in-numru. *Jaraw it-TV kien hemm 19* _____________ *ammiratur*. **(marka)**

5. *Fil-partiti internazzjonali*. Agħti z-zokk morfemiku ta' *internazzjonali*.

_________________________________________________________ **(marka)**

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Agħti kelma oħra bl-istess tifsira għal kull waħda minn dawn: **(2 marki)**

| | |
|---|---|
| silenzju (par.1): | iħejju: (par.1): |

7. *Polemika* (par.3) tfisser: a) inkejja___; b) kontroversja___; ċ) għajat___.**(marka)**

**ANALIŻI TESTWALI**

8. *...mill-knisja beda ħiereġ il-kant ta' innijiet **li** ma damx ma tħallat ma' kant ieħor*.

Għalxiex qed tirreferi l-partiċella ***li***?:___________________________ **(marka)**

9*. Inħobb**hom** dawn il-marċi wkoll meta l-bandisti.....* Il-pronom ***hom*** qed jirreferi:

għall-bandisti_____ **jew** għall-marċi _____? **(marka)**

10.*<u>Ikolli ngħid</u> li l-polemika kienet dwar il-logħob tal-ballun* (par.3). Il-kliem b'sing taħtu juri: a) nuqqas ta' ċertezza___; b) ċertezza assoluta___; ċ) kmand___.

**(marka)**

**SINTASSI**

11. Ikteb din is-sentenza f'diskors indirett: **(2 marki)**

*"Jien inħobb dawn il-marċi għax qishom jeħduni lura fi tfuliti", qalet il-kittieba.*

Il-kittieba qalet li hi_______________________________________________________

_______________________________________________________________

12. Ikteb is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira: **(2 marki)**

*Żewġt irġiel kienu qed iserrħu mal-balavostri taz-zuntier, qribi sew, u stajt nifhem x'kien għaddej bejniethom.* ___________________________________________

_______________________________________________________________

## Ċ. IDJOMI/QWIEL *(4 marki)*

1. Kompli s-sentenza b'idjoma bit-tema *Annimali*:

   X'ħin ħarġu mill-bottegin tal-każin, bdew jiġġieldu qishom__________________

   _______________________________________________________ **(2 marki)**

2. "Ħsibt li ser nieħu wiċċ tajjeb," qal il-bidwi lil sieħbu fuq iz-zuntier. "Qam ir-riħ kollu, karkar kollox u qerdilna l-pjanijiet. Kif jgħidu, *il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi*." X'taħseb li ried ifisser il-bidwi bil-qawl miktub korsiv?

   _______________________________________________________________

   _______________________________________________________ **(2 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*

**Agħżel waħda minn *a* u *b* :**

a) Ikteb 8 punti dwar inċident , sitwazzjoni jew imġiba li rajt waqt li kont fuq iz-zuntier tal-knisja tar-raħal.

***JEW***

b) Xi bandisti żgħażagħ kienu ppremjati għas-sehem li qed jagħtu fil-banda tar-raħal. Fi 8 punti, iddeskrivi ċ-ċerimonja tal-premjazzjoni li saret fil-każin.

- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI *(8 marki)*

Ikteb 8 aspetti li għamilt tiftix dwarhom fil-proġett bit-tema *Idea ta' Lingwa.*

- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________
- ______________________________________________________________

## F. LETTERATURA *(30 marka)*

### (i) POEŻIJA: *NADRIET 3*

1. Xi kliem juża Dun Karm fil-poeżija *Poeta* biex juri li l-kitba tal-poeżija hija esperjenza iebsa u ta' tbatija?

______________________________________________________________ **(marka)**

2. *Pitirross* ta' Victor Fenech tissejjaħ poe-proża: VERU ___; FALZ___. **(marka)**

3. Fisser fi kliemek kif tkun bi nhar, id-dehra tad-deżert li miegħu Achille Mizzi jxebbah lilu nnifsu f'*Arizona*.________________________________________

______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(3 marki)**

4. Skond *Tifkiriet ta' Tfuliti*, x'tifkiriet għandu tal-ġenituri tiegħu l-poeta Karmenu Vassallo? ______________________________________________

______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(3 marki)**

5. *Waħdi* ta' Dun Karm fiha sens ta' nostalġija.  Għaliex?____________________

______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(3 marki)**

6. Ikteb fi kliemek x'jgħidilna Ġorġ Borg fil-poeżija *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(3 marki)**

7. Fost affarijiet oħra, fil-poeżija *Waħdi*, Rużar Briffa jistqarr li hu : a) il-poeta tan-natura___; b) il-poeta tas-sbuħija___; ċ) il-poeta tan-niket___. **(marka)**

**(ii) PROŻA/DRAMM:** Wieġeb il-mistoqsijiet kollha u ikteb fuq karta separata:

1. ***Stejjer taċ-Ċarrut*** ta' Tarċisju Zarb. **(5 marki)**

Il-ħajja mimlija tfixkil, iżda għandna nagħmlu ħilitna biex negħlbu l-problemi. Agħżel ***waħda*** mill-istejjer *Tallab fil-Ġenb tat-Triq*, *Il-Bulijiet*, *Willie*, *L-Iskuter*, u għid f'5 punti kif kienet solvuta l-problema ppreżentata.

- __________________________________________________________
- __________________________________________________________
- __________________________________________________________

- ________________________________________
- ________________________________________

2. ***Stejjer għal Qabel Jidlam*** ta' Oliver Friggieri.; **(5 marki)**

Agħmel sinjal taħt 5 minn dawn li jidhirlek li jgħoddu għall-karattru Anjeżi, magħrufa bħala **Il-Koranta**:

a) *supperva*, b) *popolari*, ċ) *twajba*, d) *ippersegwitata*, e) *mistmerra*, f) *vendikattiva*,

ġ) *misthija*, g) *għażżiena*, għ) *tal-ġabra*, ħ) *ġerrejja*, h) *tobgħod l-irġiel*.

3. ***Il-Fortuna tal-Bakkaljaw*** ta' Ġuże' Aquilina. **(5 marki)**

F'dan id-dramm naraw li kien hemm min xtaq jibdel xortih u min kien hieni b'li kellu. Ikkummenta fil-qosor.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 Marka)*

**Agħżel wieħed u ikteb madwar 300 kelma fuq karta separata:**

1. Meta ninzerta bil-buri!
2. Inħares minn fuq iz-zuntier u nosserva lin-nies għaddejjin.
3. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tkun tifel/tifla waħdek fil-familja.
4. X'siwi fihom il-baned ta' l-ibliet u l-irħula?
5. L-isport għandu jkun mezz ta' għaqda u mhux ta' pika u firda. Iddiskuti.
6. Ikteb djalogu bejn żewġ żgħażagħ li ltaqgħu quddiem iz-zuntier tal-knisja.